Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 267/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Angelo Gafa' )

vs

**Clive Micallef**

Illum, 12 ta' Novembru 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Clive Micellef iben Francis , imwieled Pieta' , fis-6 ta' Mejju, 1983, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 250083 (M) akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f' dawn il-Gzejjer, fit-2 ta' Gunju 2008 u qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, xjentement laqa# ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b' kull mod li jkun, indahat biex ibieghhom jew imexxihom u cioe cekkijiet misruqa;

Kif ukoll talli fit-22 ta' Mejju 2008 u fil-jiem ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra iffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju

pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b' xi att pubbliku tal-Gvern;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza;

Kif ukoll talli fil-Mosta, fil-5 ta' Gunju 2008 jew fil-jiem ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, xjentement issoprima jew b' xi mod iehor qered it-tracci jew l-indizji ta' reat.

Kif ukoll talli fl-Imsida, fid-9 ta' Mejju 2008, b' mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann jew billi wrejt haga b' ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' sebgha u disghin Ewro (€97) ghad-dannu ta' Nicky Farrugia, proprjetarju ta' Hot Rod Garage tal-Imsida.

Talli fl-Iklin, fit-22 ta' Mejju 2008, b' mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' disa' mija u disgha u erbghin Ewro (€949) ghad-dannu ta' PC Options Limited, operaturi ta' *Scan Computers* ta' Triq Geronimo Abos, Iklin.

Talli b' hekk ikkommettejt reat waqt il-perjodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi imposti fuqek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b' sentenzi taghha ta' nhar is-17 ta' Frar 2005 u tal-10 ta' Mejju 2007, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Mejju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli l-Artikoli 18, 334 (a), 169, 184, 111 (2) (a), 308, u 337 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ikkundannatu tlettax-il xahar prigunerija effettiva.

Ordnat wkoll, ai termini tal-Artikolu 28 B (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erba' (4) snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar is-17 ta' Frar, 2005 tigi reza operattiva, liema sentenza effettivament estendiet il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza precedenti moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-20 ta' Jannar 2004.

Ordnat ulterjorment, ai termini tal-Artikolu 28 B (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' tminn (8) xhur sospizi ghal sentejn snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-10 ta' Mejju 2007 tigi reza operattiva.

Ghaldaqstant, il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' tlett (3) snin u disa' (9) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Clive Micallef minnu pprezentat fis-6 ta' Gunju, 2013 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi tvarja u timmodifika s-sentenza fuq moghtija fid-29 ta Mejju 2013 fl-ismijiet premessi billi filwaqt li ghandha tikkonfermha in kwantu sabet lill-esponent hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-istess hin thassarha in kwantu kkundannatu ghal piena ta' prigunerija effettiva globali ta' tliet snin u disa xhur tenut kont taz-zewg sentenzi sospizi precedenti Ii gew rezi effettivi b' din is-sentenza oltre it-tlettax il-xahar habs li wehel fuq l-akkuzi odjerni u minnflok timponi fuqu piena ohra mhux ta' natura karcerarja li ghandha titqies aktar idoneja u adattata ghal kaz in disamina u dana skond kif ikun jidrilha xieraq opportun dina L-Onorabbli Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Ghalkemm huwa qed jerga jikkonferma l-htija tieghu fil-konfront tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, huwa qieghed jikkontesta l-piena ta prigunerija effettiva li biha huwa gie kkundannat u ghalhekk huwa qieghed jappella mill-precitata sentenza limitatament f' dan ir-rigward biss u dana ghar-ragunijiet li sejrin jissemmew aktar ' l isfel f' dan ir-rikors.

1. Illi ghalkemm fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti ghamlet diversi osservazzjonijiet dwar cirkostanzi attenwanti li ghandhom jimmilitaw favur l-appellant dwar l-ghoti tal-piena, Hija waslet pero ghal konkluzjoni ngustifikata meta ghaddiet biex tikkundannah ghal perjodu ta' prigunerija effettiva;

2. Barra minnhekk, l-Ewwel Qorti naqset li tikkunsidra cirkostanzi ohra attenwanti ghal finijiet ta' piena kif ser jigi ndikat f'dan l-appell;

3. IlIi per ezempju jekk wiehed jevalwa l-fedina penali tal-esponent, ghalkemm l-Ewwel Qorti kienet gustifikata li tikkummenta li din ma kinietx daqstant felici, pero daqstant iehor naqqset u kienet zbaljata li ma osservatx il-fatt u ma tat ebda piz ghall-fatt illi minn dak in-nhar tal-incident cioe 2008 sallum, l-esponent ma kellu ebda kazijiet ohra mal-Pulizija, la bhala sentenzi in gudikata u lanqas kazijiet ohra pendenti. Dwar dan jixhed wahdu l-fedina penali tieghu debitament aggornata w kif ukoll l-Ispettur tal-Pulizija Angelo Gafa'. Dan il-fatt huwa ndikattiv bl-aktar mod car u ampju li l-esponent ghalkemm kellu passat infelici pero certament u fl-istess hin ghamel dawn l-ahhar hames snin kompletament bil-ghaqal. Dan huwa ezempju car ta' bniedem b' passat kriminali li rnexxielu jirriabilita ruhu ghal kollox. Bniedem bhal dan mhux la kemm tergghu titfghu lura l-habs meta ghandek prova bhal din ta' riabilitazzjoni;

4. Dan il-fattur ma johrogx biss minn ezami tal-fedina penali tieghu izda jirrizulta wkoll mir-rapport tal-probation officer li kien kontra l-ghoti ta' piena karcerarja u dana "*sabiex jibqa jigi konsolidat il-progress li huwa ghamel*";

5. Multa magis u haga tassew insolita, anke l-Ufficcjali Prosekutur innifsu ddikjara li kien qed jaqbel mal-konkluzjonijiet li wasal ghalihom il-probation officer li ken gie appozitament nominat mill-istess Qorti biex ihejji *pre-sentencing report* ghal finijiet ta' piena

6. Fil-kunsiderazzjonijiet taghha, l-Ewwel Qorti ma abbraccjatx din il-konkluzjoni peress illi Qalet li ma setghet tara ebda progress fl-esponent mid-data tar-reat sad-data tar-rapport cioe Novembru 2011 u il-ghaliex donnha tefghet xi piz fuq il-fatt li l-esponent mhux kapaci jzomm impjieg mal-istess principal. Fl-ewwel lok jinghad, bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti, li l-kwistjoni ta' l-impjieg ma ghandu ebda rilevanza u ma ghandu jkollu ebda riflessjoni tajba jew hazina fuq ir-riabilitazzjoni o meno tal-appellant. Bizzejjed wiehed jinnota li l-esponent ma ghandu bzonn ebda principal peress illi huwa jahdem ghal rasu (self employed) bhala bennej/bajjad u xoghol iehor relatat. Fil-fatt fl-istqarrija tieghu, l-appellant stess jafferma li huwa jahdem "*fil-construction*";

7. Illi l-anqas ma kellha ragun l-Ewwel Qorti fejn esprimiet ruhha fis-sens li ma rat ebda progress fl-esponent. Kif u minn fejn gabet tali konkluzjoni dina l-Qorti wiehed ma jistax jifhem. Oltre dan tali konkluzjoni hija kontrastanti minn provi fattwali u cari li kellha fidejha, liema provi donnha skartathom ghal kollox minnghajr ebda raguni ta xejn - Mela kellha fidejha u quddiemha r-rapport tal-Probation Officer li gie nominat appuntu ghal din ir-raguni dwar il-qaghda tal-appellant - kellha f' idejha I-fedina penali aggornata tal-appellant, cioe dokument li jindika bl-aktar mod skjaccjanti li l-esponent ma kellu ebda kazijiet ohra wara s-sena 2008 - Kellha wkoll ix-xhieda/ossia trattazzjoni tal-Ufficcjal Prosekutur Angelo Gafa li kkonferma li sa fejn kien jaf l-esponent ma kellux kazijiet ohra pendenti kontra tieghu - apparti diskors

iehor favur l-istess esponent li ser jissemma aktar il-quddiem f'aggravvju iehor. Jigi notat ukoll li sfortunatament, il-Gudikant li ta s-sentenza fl-ewwel Qorti ma kienx l-istess gudikant li sema l-provi u trattazzjoni tal-kaz u ghalhekk apparti dak li kellha traskritt, l-Ewwel Qorti ma setghetx tevalwa sew dak li sar quddiemha viva voce quddiem l-istess Qorti diversament presjeduta. Per ezempju kienet l-istess l-Ewwel Qorti diversament presjeduta li ordnat in-nomina ta' probation officer ghal finijiet ta' pre-sentencing report ghar-raguni appuntu sabiex tara jekk l-imputat haqqux jehel piena karcerarja o meno;

8. Illi ghalkemm huwa minnu li l-esponent kien gia bbenefika minn sentenzi sospizi ohra fil-passat, jigi rilevat li dawn jirreferu ghal kazijiet li kienu gew kommessi diversi snin qabel id-data relattiva tas-sentenza li kienet imponiethom. Barra minnhekk tali osservazzjoni (cioe ta sentenzi sospizi tal-passat) ma jnehhi xejn mill-fatt li l-esponent huwa ormai bniedem riabilitat u ilu hekk ighix sewwa almenu ghal dawn l-ahhar snin. Illi ghalhekk ghal kuntrarju ta' dak osservat mill-Ewwel Qorti, s-sentenzi sospizi swew ta gid ghalih peress illi minn hames snin ' l hawn huwa kien u ghadu jghix hajja ezemplari;

9. Illi I-Ewwel Qorti gustament ikkummentat fil-kunsiderazzjoni Taghha dwar il-piena (1) l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u (2) l-fatt li huwa kkoopera mal-Pulizija u (3) ir-refurtiva kollha in kwistjoni giet ritornata. F' dan l-ahhar rigward jinghad pero li ghar-rigward dawk l-akkuzi fejn ir-refurtiva giet ritornata wara li tressaq il-Qorti, l-appellant xorta wahda kien intitolat ghal tnaqqis fil-piena bi grad ai termini tal-artikolu 337 (3), kunsiderazzjoni ohra li naqqset li taghmel l-Ewwel Qorti. Qed jinghad minnghajr pregudizzju ghall-fatt li l-appellant kien intitolat ukoll ghal tnaqqis fil-piena b' zewg gradi ai termini tal-Artikolu 337 (2) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta;

10. Illi fl-imsemmija konsiderazzjonijiet hawn fuq indikati fil-paragrafu 9, l-

Ewwel Onorabbli Qorti naqqset pero li taghti piz ghall-fatt li l-appellant mhux biss ikkoopera mal-Pulizija izda sahanistra bl-assistenza li tahom, il-pulizija investigativa rnexxielha ssolvi l-kaz kollu u minnbarra li resqu lill-appellant, resqu tliet imputati ohra li mill-qari tal-akkuzi kontra taghhom (66 b' kollox) johrog car li l-imputati l-ohra kienu l-aktar involuti fl-operat illegali tac-cheques. Difatti l-Ispettur Gafa stess jikkummenta li l-involviment ta l-appellant kienet minima u li r-refurtiva kienet giet ritornata kollha u kif ukoll li "*Il-percimess kienet Alexia Cross li dahlet maghha tlieta minn nies ohra*"; L-istess prosekuzzjoni esprimiet ruhha wkoll favur l-appellant fis-sens illi kien gie suggerit lil dak iz-zmien Magistrat Dr. Lawrence Quintano li jitqabbad probation officer ha jhejji pr-sentencing report. Il-Magistrat sedenti qabel ma dan is-suggeriment u fil-fatt hekk sar; In vista tal-mod kif agixxa maghhom l-appellant u l-fatt li l-involviment tieghu kien minimu u kif ukoll tenut kont tar-rizultanzi u konkluzjonijiet tal-probation officer, il-prosekuzzjoni waslet biex tikkummenta wkoll fis-sens "*Bhala prosekuzzjoni ma nsibux problema li din il-Qorti tordna li z-zewg sentenzi sospizi jigu estizi*"; Qalet ukoll li l-istess appellant ser iservihom bhala xhud importanti fil-kaz kontra Alexia Cross;

11. Illi f' dan l-istess rigward l-Ewwel Onorabbli Qorti naqqset ukoll li tikkunsidra l-fatt li l-imsemmi operat illegali ta' uzu ta' cheque books ta' terzi kien gie tterminat bl-operat ta' l-istess appellant, li *di sua xelta* ddistruggja l-kumplament tac-cheques li kien fadal fiz-zewg kotba, kemm il-ghaliex kien iddispjacih ta li ghamel (vide stqarrija) u kif ukoll sabiex terzi persuni ma jibqghux jabbuzaw minnhom;

12. Illi jigi sotto mess inoltre li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqqset ingustament li tikkunsidra dan il-kaz bhala wiehed fejn kien applikabbli l-artikolu 21. Il-Probation officer li ezamina lill-appellant u l-Ufficcjal prosekutur li investiga u dahal fil-fond ta dan il-kaz fejn tresqu erba minn nies fuq sitta u sittin akuza (li minnhom l-esponent kellu x' jaqsam biss ma zewg incidenti) kienu t-tnejn ta' din l-ideja u difatti fil-konkluzjoni tar-rapport maghmul mill-probation officer li gie abbraccjat mill-ufficcjal prosekutur gie suggerit li

ghandu jkun hemm estenzjoni taz-zewg sentenzi sospizi. Pero ghal xi raguni nspjegabbli l-Ewwel Onorabbli Qorti ma deheriliex li ghandha tapplika dan l-artikolu;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-partijiet jirrimettu ruhhomghall-atti processwali u ghat-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti diersament preseduta liema trattazzjoni tinsab traskritta fl-atti.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu appell li jikoncerna BISS il-piena li giet inflitta mill-ewwel Qorti u jinghad ukoll in primis li ma hux qed jigi indikat li l-ewwel Qorti applikat xi piena hazina fis-sens li ma hiex fil-parametri li tippermetti l-ligi. Pero' l-appellant isostni li fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe' li minhabba il-ko-operazzjoni tieghu mal-pulizija gew solvuti hafna kazijiet ohra, il-fatt li ma kienx il-percimess ta' dawn l-offizi, il-fatt li kemm il-ufficcjal prosekutur kif ukoll il-probation officer sostnew li l-appellant ghamel progress f'hajtu tant li lanqas ghamel reati ohra mis-sena 2008 'l hawn u zamm il-boghod mill-hajja kriminali u issa ukoll in vista tal-fatt li l-appellant ilu jistenna sentenza minn din il-Qorti sa mid-29 ta' April 2013 'l hawn ghandu ikun hemm temperament fil-piena.

Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat**[1] l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-15 ta' Frar 2012

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[2] , **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[3] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[4] . Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi.

Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard**[5] mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu* ***biss*** *meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Hu minnu bhala fatt li bħalma qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha (diversament preseduta ) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Attard** [6]:

*'Issa fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-*

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-13 ta' Novembru 2003
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Jannar 2001
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Mejju, 2004.

*Iimiti li tipprefiġġi l-lġgi. Dan huwa hekk peress illi min jammettij jkun qiegħed jassumi r-responsabilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kulI deċiżjoni dwar piena Ii l-Qorti tkun tista` tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx Ii din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw ,iekk il-piena nflitta kenitx eċċessiva jew Ie. Mhuwiex normali pero', Ii tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Iiġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat."*

Illi pero' kif inghad fl-appell kriminali fi-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spt. T. Micallet) vs John Gauci</u>**,[7] "mhux normali li din il-Qorti tal-Appell Ii tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri taI-ligi w ma tkunx manifestament eċċessiva. Dan għax, kif ġie ritenut f-Alppell Kriminali (Superjuri) . "**<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler</u>**[8]" :- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata millI-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata **<u>jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ</u>**[9] (**<u>u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Oorti</u>**[10]) Ii jkun jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena. (Ara wkoll "**<u>Ir-Repubblika ta 'Malta vs. Bernard sive Benny Attard</u>**[11]" )"

Illi madankollu kif ġara fil-kaz tal-Appell Kriminali ċitata supra fI-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci</u>**[12], u fil-kaz ta' "**<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler</u>**[13]", jista jghati kaz li jirriżulta Ii fil-mori tal-appell, I-appellant ghamel dak possibbli biex jirriforma ruhu u izomm il-bogh mill-hajja rkiminali f'liema kaz tenendo kont il-passat refletarju tieghu ser tkun proprju seħħet "ċirkostanza .sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Qorti", li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-possibilita' li tieħu in konsiderazzjoni fis-sentenza appellata u li ghalhekk tista' tagħti lok għal temperament fil-piena.

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Marzu, 2009.
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede Superjuri) nhar is-26 ta' Frar ,2009
[9] Sottolinear ta din il-Qorti
[10] Sottolinear ta din il-Qorti
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ( sede SUperjuri) nhar l-20 ta' MArzu 2009.
[12] Ibid
[13] Ibid

Jinghad li l-akkuzat tressaq il-Qorti fit-2 ta' April 2013 dwar akkuzi li sehhew hames snin qabel fix-xhur ta Mejju u Gunju tas-sena 2008, irregistra ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti nhar it-28 ta April 2010 u inghata sentenza mill-ewwel Qorti tlett snin wara u cioe fid-29 ta Mejju 2013 sentejn war ali thalliet ghas-sentenza.

L-appellant itnerpona appell minn dik is-entenza nhar is-6 ta Gunju 2013 ( fol. 83) u l-kawza giet appuntata quddiem din il-Qorti dversament prseduta nhar il–5 ta' Mejju 2014. L-appell giet rattat fid-29 ta April 2015 quddiem din il-Qorti diversament peseduta u giet differita ghas sentenza dakinhar stess. Cio' nonnostante dik il-Qorti ma tatx sentenza u baqghet iddiferixi il-kawza minn differiment ghall iehor sakemm il-kaz spicca quddiem din il-qorti Kif preseduta u l-ewwel darba li l-appellant gie notifikat biex jidher quddiemha kien fid-19 ta' Settembru 2019 ( fl. 123) . L_appell gie trattat fit-22 ta Ottubru 2019 u l-kawza illum tinsab differita mill-gdid ghas sentenza. Ghalhekk jidher car izda dan mhux tort ta din il-Qorti li minkejja li irregistra ammissjoni ghall-akkuzi fis-sen 2013 il-procediment tieghu ghadu ghaddej sitt snin wara u ghal dan ma jahtix l-appellant.

Il-Qorti hasset il-htiega li taghmel riassunt ta dan li jikkoncerna il-kaz u dan ghaliex hemm dewmien ta zmien eccessiv u l-appellant thalla f'psozijoni li ghaddej process kriminali bil-portata kollha tieghu.

Jidher minn esami tal-fedina penali aggornata tal-appellant li illum ghandu 26 sena ghaml zmien f'hajtu isegwi hajja kriminali u can bejn is-sena 2003 u 2011 fejnisntab hati ta diversi reati fosthom serq, ricettazzjoni , nuqqas ta obiddijenza lejn ufficcjal pubbliku u xi akkuzai reltati mal Ordinanza tat Traffiku. Jinghad ukoll li l-appellant kien inghata sentenzi sospizi u probations u multi.

Il-Qorti ezaminat ukoll il-pre-sentencing report imhejji mill-Probabtion Officer esebit fl-atti ( Dok MRF 1) u min eami ta' l-istess jirrizulta li fost ir-rakomandazzjoni tal-Probabtion Officer Maryrose Farrugia hemm indikat li ir-res furtiva giet ritornata lill-vittma, mill-intervista li ghamlet mal- ufficcjal investigatur Angelo Gafa jidher li l-

involviment tal-appellant kien wiehed de minimis, li l-appallant ma ghandux problemi kurrenti relatati ma abbuz ta' droga u ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu issugeriet li ghandu ikun hemm estensjoni taz-zewg sentenzi sospizi li kurrentement ghandu l-appellant u li ghandha tikkunsidra sentenza bbazata fil-komunita b'element ta' supervizjoni sabiex jibqa' jigi konsoidat il-progress li huwa ghamel.

Rat dak ukoll li kien gie verbalizzat quddiem l-ewwel Qorti nhar il-25 ta Marzu 2011 ( fol. 41) fejn hemm dikjarat li kemm id-difiza kif ukoll il-prosekuzzjoni kienu qed jaqblu ma dak suggerit mill-ufficcjal tal probabtion.

Illi cio' nonnostante pero' l-ewwel Qorti ma dehriliex li kellha tabraccja dawn ir-rakomandazzjonijiet ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Li mir-rapport ma tistax tikkonkludi x'progress ghamel l-appellant minn meta gew kommessi ir-reati fis-sena 2008 sa meta gie redatt ir-rapport tal - ufficjal tal-Probabtion Novembru 2011.
2. Ma jirrizultax li meta gew kommessi ir-reati cioe' fis-sena 2008 l-appellant kien qed jabbuza mid-droga ghalkemm fl-istess hin tghid li kien hemm zmien indeterminat qasir fejn abbuza minn sustanzi illeciti.
3. L-appellant kien ilu ma jahdem sa mis-sena 2006 u li ma irnexxilux izomm impieg fiss hlief ghal ftit xhur.
4. L-appellant gja ibbenfika minn tlett sentenzi sospizi ( wahda minnhom estendiet ohra precedenti)u kienukoll that Ordni ta Probabtion izda jidher li ma tghallem xejn u rega ghazel li jikkometti reti ohra waqt il-perijodu operattiv ta ta zewg sentenzi sospizi

Minn naha l-ohra pero' l-ewwel Qorti qieset ukoll is-segwenti fatturi mitiganti fil-konfront tal-appellant u cioe:-

1. L-ammissjoni bikrija tal-appellant.
2. Il-ko operazzjoni tal-appellant mal-pulizija esekuttiva.

3. Ir res furtiva mehuda b''qerq giet ritornata ill-vitam u filf-att kienhemm parti minnha li geit ritornata anke qabel ma bdew il-proceduri odjerni u ohrajn fil-mori tal-kawza quddieml-ewwel qorti.
4. Hadet in konsierazjoni li l-imputazzjonijiet numri sitta u tlettin ( 36) u sebgha u tlettin ( 37) kienu bis smez ghal fini ai termini tal-artikolu 17(b) tal-kodici kriminali sabeix jigu kommesssi l-imputazjonijiet ta frodi numr disgha u tletin (39) u u tnejn u sittin (62)
5. L-ammont ta' flus involut fil-kazijiet mhumiex kbar u ghalhekk ma hassitx li kien idoneju li tapplika iz- zieda fil-piena bl-applikazjoni tal-artikolu 18 tal-kap 9 tal- ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk l-ewwel Qorti ukoll gharfet li l-appellant ghen fl-investigazjoni u kkopera mal-pulizija tant li rregistra ammissjoni. Il-Qorti ma tistax tinjora il-fatt kif msitqarr mill Ufficcjal tal-probation li l-involviment tieghu kien wiehed de minimis u li l-ufficcjal investigattiv uprosekutur ma keinx qed jinsiti fi piena karcerarja minhabba ic cirkostanzi patikolari tal-kaz u cioe l-fattli ghen lil-pulizija taqbad min verament kien wara dawn ir-reati, il-fatt li ir-res furtiva giet rotnata lura u ghalhekk il-vittma ma sofrewx hsara materjali fi zmien konsideraevoli.

Din il-Qorti izzid ukoll il-fatt li mikejja li l-appellant kellu passat reflettarju skond il-fedina penali ilu ma jikkometti reati iehor ghal zmien konsiderevoli tant li l-ahhar kundanna fuq il-fedina penali tieghu tirrisali ghal din odjerna li inghatat aktar minn sitt snin ilu u li ukoll wara li sehhew ir-reati odjerni fis-sena 2008 l-appellant instab hati f' zewg okkazjonijeit fis-snin 2010 u 2011 u ghalhekk waqt il-mori tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti ukoll zamm il boghod mill-kriminalita. Jidher ghalhekk mhux kif qalet l-ewwel Qorti li l-appellant verament qed jghamel l-almu kollu tieghu biex izomm il-boghod mill-hajja kriminali.

Din il-Qorti ukoll trid tqis il-fatti tad-dewmien ta' dawn il-proceduri li ghalkemm huma ta' natura kostituzzjonali jimpingu ukoll fuq il-kwisjtoni ta piena li ghandha teroga din il-Qorti.

"Fir-rigward ta dewmien , il-Qorti fiss-sentenza r-**Repubbblika ta' Malta v. Matthew-John Migneco**[14], inghad s-sgwenti f'dan ir-rigward:

*"Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jaghmilha cara li l-jedd ta' smigh xieraq fil-qafas ta' proceduri kriminali jiddependi minn (a) akkuza li (b) tkun qeghda tinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi. Dan l-artikolu gie mfisser mill-Qrati taghna bhala li japplika biss fejn ikun inbeda procediment quddiem qorti li, fl-gheluq ta' dak il-procediment, tista' tasal biex taghti decizjoni li tiddetermina l-htija jew in-nuqqas ta' htija tal-persuna akkuzata".*

Madankollu huwa ritenut li s-sitwazzjoni hija kemmxejn di erenti taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, is-sens li l-applikabbilta' tal-harsien tal-jedd ghal smigh xieraq taht dan l-artikolu tal-Konvenzjoni hija usa' minn dik moghtija ghall-istess jedd taht il-Kostituzzjoni, peress li l-harsien tal-jedd ghal smigh xieraq japplika f'kull stadju tal-procediment. L-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi:

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu **jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu**[15], kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi…"* .

Illi sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' xi proceduri sarx fi zmien ragonevoli, wiehed irid iqis ic -cirkostanzi kollha fil-proceduri in ezami, partikolarment:

1. In-natura jew il-komplessità tal-kaz in kwistjoni;
2. Il-kondotta tal-partijiet fil-kawza; u
3. Il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati mill-istess awtorità gudizzjarja.

Fil-kaz in ezami, ma jirrizultax li l-kaz kien jipprezenta xi kumplikazzjoni partikolari sabiex jigi investigat u li titressaq il-prosekuzzjoni tieghu jew li l-imputat fixkel jew tawwal iz-zmien b'xi mod. Anzi jirrizulta proprju l-oppost ghaliex l-appelalnt gie

[14] Deciza mill-Prim'Awla Sede Kostituzzjonali tal-1 ta' Novembru, 2011,
[15] Sottolinjar mizjud minn din il-Qorti

investigat nhar l-5 a Gunju 2008 mea irrilaxja stqarrija u ghalhekk ftit jiem wara li sehhew ir-reati in kwistjoni u f'din l-istqarrija tieghu kien gja ammetta il-partecipazzjoni tieghu u l-prosekuzjoni resqet lill-appellant hames xhur wara u cioe f' Novembru 2008, l-appellant irregistra ammissjoni fis-seduta ta' wara l-prezentata u ghalhekk ma hela l-ebda hin tal-Qorti.

Illi pero' jidher car li fl-ebda hin ma l-appellant pprova itawwal dawn il-proceduri inutilment u rat li l-kondotta tal-partijiet fil-kawza kienet wahda tajba. Id-dewmien f'dan il-kaz kien attribwibbli ghall-ammisntrazzjoni tal-Qorti qabel ma l-kaz spicca quddiem din il-Qorti kif preseduta. Jidher li f' dan il-waqt tad-dewmien li l-ewwel Qorti ma setghetx tiehu konsiderazzjoni tieghu l-appellant irregistra progress tant li ma ghamel l-ebda reat iehor. Ta' dan il-Qorti tawguralu. Il-Qorti ma tistax tinjora dak li qalet l-ufficcjal tal-probabtion u cioe' li kkonfermat li l-appellant ghen fl-investigazzjoni sabiex jinqabdu l-awturi tar-reati u l-fatt li irritorna ir- res furtiva fi stadju bikri hafna tal- investigazzjoni. Huwa veru li l-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' kriminali tal-hati pero ' jsita' f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Farrugia Nikola, Bugeja John U Bonello Loreto**[16]fejn intqal li:-

*"It-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra"*

Din il-Qorti taghmel referenza ghas sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija [Spettur Kyle Borg] Vs Christopher Ryan Omissis** [17]li ghamlet accenn ghall -kawza **Pulizija**

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-2 ta Ottubru 2002

**versus George Farrugia**[18] kif konfermata fil-kawza **Pulizija versus Ritmar Patterly et**[19] fejn intqal li:-

> *"Anki fil-kaz ta' persuna ta' età mhux zghira u li forsi hu recediv tista' titfacca filhajja*
>
> *ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-cirku ta' kundanni u ta' prigunerija," u dana huwa proprju dak illi tixtieq taghmel din il-Qorti .*

Il-Qorti rat ukoll is-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Il- Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia[20]" fejn, fost affarijiet ohra l-Qorti qalet:

"*.....kemm hi zbaljata l-idea sintistika ..... li ghax persuna kienet inghatat precedentement xi forma ta' "non custodial sentence" allura hija necessarjament m'ghandhix terga tinghata probation. Kif inghad, kollox jiddependi fuq il-fatti speci partikolari ta' dan il-kaz, b'mod specjali fuq il-"prospect of success" ta' dik il-mizura partikolari ghal dik li hija r-riforma tal-ha*ti."

Illi hawn inter alia dik il-Qorti irriteniet li l-fatt li bniedem ikun recediv u li jkun fil-passat ghix hajja raffrettarja ma jistax jinghad li per tali konsegwenza qatt ma ghandu jinghata l-opportunita' jirriforma ruhu. Fil-fatt l-iskop ahhari tal-piena fiz-zminijiet tal-lum huwa appuntu rriforma ta' dak li jkun u l-ghan ewlieni hu li l-akkuzat jigi pjenament rihabilitat fis-socjeta' meta dan ikun possibbli.

Illi dik il-Qorti tirrimarka li jista' jkun hemm cirkostanzi fejn l-akkuzat tinfetahlu a "window of opportunity" sabiex dan ikun jista' jibqa mixi fit-triq it-tajba u ghalhekk il-Qrati m'ghandhomx jiskartaw tali possibilita' a prijori minhabba il-precedenti tal-akkuzat;

Illi in effetti hekk gara fil-kaz odjern fejn lill-appellant jidher li infethitlu tali window of opportunity" u dan fis-sens li llum m ghandux problema ta abbuz ta droga kif del resto rikonoxxut anke mill-ewwel Qorti, ghaddew hdax il-sena minn mea sehhew ir reati u ma minn meta tressaq il Qorti ma fetahx kawzi ohra u zamm il boghod mill-hajja tal kriminali minkejja il-passat kulurit tieghu u jidher li qed ighamel l-almu

[17] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta April 2014
[18] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-18 ta Jannar 2001
[19] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta Ottubru 2008
[20] Ibid

tieghu biex jibqa' jimxi fit-triq it-tajba.

Illi ta' min jghid li fil-kaz in dizamina fortunatament hadd ma sofra riperkuzzjonijiet ta' natura pekunjarja stante li r-rs furtiva giet kollha ritornata lil sidha legittima.

F'dan il-kaz il-Qorti kellha l-beneficcju li taqra u tifli ir rapport tal-probation Officer minkejja li ma xehditx quddiemha u rat li kemm id difiza u il-proskeuzzjoni qbalu mar rakomandazzjonijiet taghha li inghataw fis sena 2013 u ghalhekk multo magis illum li ghadew sitt snin ohra u l-appellant zamm il-boghod mill-hajja kriminali tali suggeriment li ma jinghatax piena karcerarja hija aktar idoneja u ghandha tinghata widen.

Ghalhekk filwaqt li din il-Qorti qeda tikkonferma il-htija tal-appellant ghar rigward tal-akkuzi kollha kif del resto kienu ammessi minnu stess u ghalhekk qed tikkonferma is-sentenza appellata f'dak ir-rigward tal–htija pero qeda tirrforma is-sentenza fir-rigward tal- piena imposta.

Illi ghar rigward tal-akkuzi li instab hati taghhom u cioe l-akkuzi numri 35, 36. 37, 38, u 62 din il-Qorti qeda tpoggi lill-appellant taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu massimu fil-ligi ta tlett snin u tordna li jitqieghed taht is supervizjoni ta ufficcjal tal Probabtion b'dan illi jekk f'dan iz-zmien tal Ordni u cioe fi zmien tlett snin millum l-appellant jigref dufejgh mal-ligi jerga' jingieb quddiemi u din id-darba isib l-id kiefra tal-Qorti. L-ordni ta' Probabtion ser tkun annessa ma din is-sentenza.

Illi dwar l-akkuza numru 66 li l-appellant kien instab hati taghha u cioe li kkometta ir reati fuq imsemmija waq l perijodu operattiv ta zewg sentenzi sospizi iposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenzi taghha ta' nhar is-17 ta Frar 2005 u l-10 ta' Mejju 2007 liema sentenzi saru definittivi u ma jsitghux jigi mibdula din il-Qorti ghandha is-segwenti xi tghid.

In vista ta dak kollu li gie spjegat aktar il fuq u cioe' li l-appellant qed jghamel hiltu kollha biex izomm il-boghod mill-hajja kriminali tant li matul dawn il-proceduri li ilhom ghaddejjin ghal sitt snin ma regax ikkometta ir-reat iehor u invosta tal-fatt li r-res furtiva giet rotirnata fi stadju bikri tal-proceduri u in vista dak li intqal mill-ufficcjal tal-probation din il-Qorti qeda sta' b'ordni tibdel l-ordni oriġinali magħmul

bis-saħħa tal-artikolu 28A(1) billi minflok il-perijodu operattiv hemm speċifikat fir-rigward tas-sentenza li inghatat fis-17 ta Frar 2005 fejn gie ikkundannat sentejn sospizi ghal tlett snin qeda testendi il-perijodu ta' tlett snin prigunerija sospiza ghall-erba' snin m'illum u fir-rigward tas-sentenza sospiza ta' l-10 ta Mejju 2007 fejn gie ikkundannat prigunerija ghal zmien tmien xhur sospizi ghal sentejn billi testendi dan il-perijodu ta' prigunerija sospiza ghal zmien erba' snin ohra m'illum. Ghalhekk l-appellant ghandu l-erba snin li gejjin b'xabla imdendla fuq rasu li jekk huwa jizbalja u jikkometti reat iehor u jisntab hati tieghu ser jghamel minnufih is-sentejn u tmein xhur li hemm sospizi u jiffaccja proceduri ghal ksur tal- Probabtion u ghalhekk il piena f'dak il-kaz tkun hafna ghola.

Din il-Qorti qeda ai termini tal-artikolu 28B(2) qeda tordna lir-reġistratur tal-Qorti Kriminali sabeix minnufih javża, permezz ta' kopja, lil dik il-qorti li oriniginarjament tat is-sentenza taghha bil-metodu adottat meta qorti tittratta ma' ħati bis-saħħa ta' dan l-artikolu, ir-reġistratur għandu jagħmel dawk in-notamenti meħtieġa fir-reġistru speċjali msemmi fl-artikolu 28A(8).

Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 28 B (5) tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta lir-reġistratur tal-Qorti Kriminali sabiex jagħmel dawk in-notamenti meħtieġa fir-reġistru speċjali msemmi fl-artikolu 28A(8) u konsegwentement qeda tordna li tigi notifikata b'din is-sentenza minnufih.

Rigward dak rakomandat mill-Ufficcjal tal-Probabtion li din il-Qorti tista' taghti ordni sabeix l-appellant jaghmel xoghol fil-komunita' bla hlas jinghad li ir-rekwiziti ta l-artikolu 11 (3) tal-Att 466 ma jidhrix li gew segwiti u ghalhekk tali Ordni illum ma tistax issir.

Ghaldaqstant, ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill Clive Micllef ghall-perjodu ta' probation ta' tlett snin.

Ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeda tfisser lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'inhu l-effett tal-ordni inkluża l-kundizzjonijiet impsoti fl-ordni taghha u li jekk il-ħati jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, il-ħati jista'jingħata sentenza għar-reati oriġinali.

Tordna li ai termini tal-artikolu 7 (8) tal-kap 446 tal-ligijiet ta' Malta qeda tordna li minnufih jingħataw kopji tal-ordni lill-appellant li qed jitpogga taħt Ordni ta' Probation, u lid-Direttur li jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' min ikun taħt probation u qeda tissugerixxi li kemm jista ikun l-Ufficcjal tal Probabtion tkun Maryrose Farrugia li gja hadmet mal-appellant u jidher li kellha impatt posittiv f'hajtu.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL D

Il-Pulizija

V

CLIVE MICALLEF

ORDNI TA' PROBATION

[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]

Seduta ta' llum, 12 ta' Novembru, 2009

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata CLIVE MICALLEF ta' sitta u tletin sena bin Francis u Rita nee Pace, imwieled Pieta nhar is-sitta ta Mejju 1983 u residenti 22, Triq il-Barrieri, Mosta, detentur tal-karta tal-identita li ggib in-numru 250083M jigi mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

Tordna lil persuna imputata titqieghed taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-persuna mputata ghandha tibqa′ zzomm kuntatt **kontinwu** mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;

3. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;

4. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-persuna mputata; u

6. Li l-persuna mputata tibda tfittex xoghol b′dan li jigi registrat mal Joblus skond il-ligi.
7. Li jzomm il-boghod mill-abbuz ta′ sustanzi illeciti

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services u tal Parole Services .

| | |
|---|---|
| …………………………….. | …………………………….. |
| Deputat Registratur | Probationer |